TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Carmel Pace Bonello

vs

Tyson Grech

CCT 166/19/MM

Illum, 17th November 2020

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fid-19 ta' Novembru 2019 fejn talab is-somma ta' sitt mitt Ewro (€ 600), prezz ta' mutur installat mill-intimat fil-bieb tal-garazz tar-rikorrenti wara li dan tal-aħħar kien kiser siequ.

Illi minkejja li l-intimat ġie debitament notifkat, baqa' ma ppreżentax risposta u ma deherx għas-smiegħ meta ġiet iffissata seduta għas-smiegħ tal-każ.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi rriżulta mill-provi li r-rikorrenti kien kiser siequ u għalhekk ma setgħax jibqa' jiftaħ il-bieb tal-garaxx tiegħu iżda kellu bżonn jistallalu mutur. Hu inkariga lill-intimat fejn il-mutur ġie installat mhar l-10 ta' Ġunju 2019, għal prezz ta' sitt mitt Ewro (€ 600). Ir-rikorrenti jgħid li l-intimat naqas milli jfornih b'irċevuta fiskali, garanzija tal-prodott jew istruzzjonijiet tal-operat tal-mutur, iżda huwa kien ħallas lill-intimat b'ċekk, kopja ta' liema ġie esebit a fol 5b tal-proċess.

Illi r-rikorrenti jgħid li l-mutur tal-garaxx ġie installat nhar it-8 ta' Ġunju 2019, filwaqt li l-mutur żviluppa l-ħsara fl-14 ta' Ġunju 2019.

Ikkunsidra

Illi f'dan il-każ ir-rikorrenti qiegħed jilmenta minn difett fil-mutur installat mill-intimat. Illi huwa jgħid li pprova jagħmel kuntatt mal-intimat iżda wara li dan kien wegħdu permezz ta' kollegament telefoniku li kien ser imur jara l-ħsara, dan qatt ma għamlu. Mhux hekk biss, ir-rikorrenti saħnasitra jgħid li sussegwentement għal dan, l-intimat kien ibblokkja n-numru tar-rikorrenti sabiex ma jkunx jistgħa jagħmel iktar kuntatt miegħu r-rikorrenti.

Illi t-Tribunal jinnota li lanqas meta huwa ġie notifikat bl-avviż tat-talba, l-intimat xorta waħda ma ppreżenta l-ebda risposta jew wisq inqas ippreżenta ruħu għas-smiegħ sabiex jiddefendi l-kawża tiegħu. Illi t-Tribunal ma jistax ma jinnutax dan l-aġir. Dan jikkonvinċi lit-Tribunal li l-attur għandu raġun meta jgħid li ġie njorat mill-intimat u ma setax jasal b'mod bonarju.

Għalhekk, it-Tribunal jiddeċiedi billi jordna lill-intimat jirrifondi lura lir-rikorrenti l-ammont ta' Euro 600, il-prezz ekwivalenti għall-mutur minnu installat, filwaqt li l-intimat ikun awtorizzat jieħu lura il-mutur.

Bl-ispejjeż konta l-intimat.

Martha Mifsud LL.D
Arbitru